# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 11 ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru: 335/2013 CSH**

**Francis Galea**

**vs**

**Andrew Buhagiar u Maria Carmela Buhagiar**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat mil-attur fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Ottubru 2013, li permezz tieghu l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh s-somma komplessiva ta' sebat elef u seba' mitt ewro (€7,700) rapprezentanti provvista ta' fuel cioe' diesel li huma hadu mir-rikorrenti Galea, u dan b'konnessjoni tal-vetturi wzati minnhom bl-isem ta' 'WIZI CABS' li jipprovdu transport ta' passiggieri. Bl-ispejjez inkluzi l-imghax legali u ittra ufficjali.

Rat ir-risposta ta' tal-konvenuta Maria Buhagiar li giet ipprezentata fl-1 ta' Lulju, 2014 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet attrici in kwantu jolqtu lill-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi in linea preliminari l-esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija ma tiggestix u qatt ma ggestiet in-negozju bl-isem "Wizi Cabs" li jipprovdi transport bil-mini buses. Dan in-negozju jmexxieh unikament il-konvenut l-iehor, Andrew Buhagiar, kif ser jigi ppruvat;*
2. *Illi bejn il-kontendenti ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika u negozjali billi kull negozju li seta' sar u li ta' lok ghad-debitu reklamat sehh da parti tal-konvenut l-iehor Andrew Buhagiar;*
3. *Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tirrileva illi bejn il-konvenuti tirrenja s-separazzjoni tal-beni u ilha hekk tezisti mis-16 ta' Settembru 1992 (ara kopja tal-kuntratt relattiv anness u mmarkat 'Dok A') u cioe' ferm qabel ma nholoq in-negozju in kwistjoni.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli fil-ligi."*

Rat illi fis-26 ta' Novembru 2014 l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu fil-konfrton tal-konvenut Andrew Buhagiar.

**Francis Galea** xehed fis-26 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa sid pompa tal-petrol maghrufa bhala Francis Service Station gewwa l-Gudja. Huwa jiftakar li fis-sena elfejn u hdax kienet marret il-konvenuta Maria Buhagiar flimkien ma' zewgha Andrew sabiex isir arrangament biex jiehdu l-fuel u dan peress li huma joperaw bil-minibuses maghrufa bhala Wizi Cabs.

Pero' dawn m'humiex kumpanija, huma biss in partnership u ghalhekk huwa beda jaghtihom il-fjuwil *on credit*. Huwa spjega li effettivament dawn bdew tajjeb fis-sens illi bdew jiehdu *supply* tal-fjuwil u jhallsuh u wara seba' xhur ta' dan l-arrangament jiehdu l-fjuwil u jhallsu bdew jaqghu lura bil-pagamenti u qal li filfatt fi zmien disa' xhur / sena dam zmien twil biex jiehu disa' xhur ta' b'lura u l-bilanc ma hallsuhx u ghalhekk ikkonferma li llum-il gurnata l-konvenuti ghandhom ituh is-somma ta' sebat elef u seba' mitt ewro. Effettivament kull meta kien sar il-hlas fil-passat dan kien isir mill-konvenuta Maria Buhagiar. Huwa filfatt beda jissikahom biex ihallsuh u sahansitra darba minnhom kienet marret fil-hamsa ta' filghodu u dana fis-sena 2012 flimkien ma' zewgha, kienu tawh erba' cekkijiet u huwa gibdilha l-attenzjoni u qalilha li jekk jaghtuh cekkijiet li dawn ma jissarfux ahjar ma jaghtuh xejn u qal li filfatt huma tawh *four post dated cheques* biex huwa jkun jista' jibqa' jaghtihom il-fjuwils. Tnejn minnhom baghathom il-bank u gew lura *refer to drawer* u tnejn minnhom ghadhom ghandu sa llum u qal li effettivament dawn ic-cekkijiet hargu minn Maria Buhagiar. Filfatt iz-zewg cekkijiet l-ohra huwa ghaddihom lura lill-istess Andrew u Maria Buhagiar.

Huwa esebixxa wkoll dokument miktub minn Maria Buhagiar dwar il-particulars taghha li kienet kitbet hi stess. Dawn id-dokumenti gew immarkati bhala Dokument A u B fir-rigward tac-cekkijiet u Dok C fir-rigward tad-dokument. Huwa qal rigward hlasijiet huwa dejjem kellu x'jaqsam maghha mhux mieghu. Ix-xhud qal li filfatt Wizi Cabs ghadhom ghaddejin sa llum. Huwa prometta li jesebixxi l-invoices kollha relattivi ghall-ammont li ghadu dovut lilu.

**Francis Galea rega'** xehed fil-11 ta' Frar, 2015 fejn ikkonferma li huwa sid il-pompa. Mistoqsi min kien imur fil-pompa biex jiehu d-diesel qal li gieli

mar Andrew Buhagiar u gieli marret martu. Huwa spjega li kellu ftehim maghhom li jiehdu *on credit*. Apparti x-xhud kien hemm il-lavrant tieghu wkoll li kien jaqdihom. Wara li kellhom din il-kwistjoni dwar il-flus qal illi l-konvenuta ma kienitx qieghda thallsu. Hija kienet ghamlitlu erba' cekkijiet li bbownsjaw liema cekkijiet kienu effettivament *post dated*. Dawn ic-cekkijiet pero' ma ssarfux u filfatt kien mar id-Depot u ghamel rapport fuqhom. Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li huwa kien ipprezenta d-Depot li gie mmarkat bhala dokument CSH. Filfatt il-konvenuti kienu tawh erba' cekkijiet fejn kien iddepozita tnejn minnhom u gew lura. Huwa kien baghat ghaliha biex jispjegalha li c-cekkijiet kienu gew lura u regghat hadithom lura maghha. Tnejn minnhom baqghu ghandu sa llum u huma wkoll mhux imsarrfa, esebiti l-Qorti. Il-hlas kienet dejjem kwistjoni ma' Maria Buhagiar.

**Renzo Gonzi** ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehed fil-11 ta' Frar 2015 fejn iddikjara li huwa gie mitlub sabiex jixhed dwar ic-cekk numru 509 *account number* 40021389896 u 4010. Effettivament nhar it-30 ta' April 2013 u nhar it-30 ta' Mejju 2013 dan il-kont ma kellux fondi sabiex jigu onorati c-cekkijiet mahruga fuqu. Il-kont huwa ntestat f'isem Maria Carmela Buhagiar. Ix-xhud esebixxa kopja tal-istatement ta' dan il-kont li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH 1.

**Louis Mizzi** xehed ukoll fil-11 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *pump attendant* ma' Frans Galea fis-*service station* tieghu li tinsab gewwa l-Fgura. Mistoqsi jekk ghandhomx klijenti bl-isem Wizi Cab wiegeb li iva ghandhom u filfatt gieli qdiehom hu. Huwa spjega illi effettivament dawn in-nies ma kinux ihallsu cash ghax kellhom *credit agreement* maghhom u huwa kien filfatt jaghtihom ricevuta li kienu hallsu taghha. Huma kienu jiffirmaw fuqha. Ix-xhud gie muri numru ta' *invoices* li jinsabu inseriti fl-atti

a fol 38 et seq tal-process. Filfatt dawn huma chits li huwa kien jghaddi lix-xufiera tal-Wizi Cabs. Filfatt huwa kien qeda kemm lil Andrew Buhagiar kif ukoll lil martu Maria Buhagiar f'diversi okkazjonijiet.

Rat in-nota ta' Maria Buhagiar li giet ipprezentata fit-18 ta' Marzu, 2015 li permezz taghha pprezentat kopja mahlufa tal-affidavit taghha.

Rat l-affidavit ta' **Maria Buhagiar** fejn iddikjarat li zmien ilu r-ragel taghha Andrew Buhagiar kien jabbuza mid-drogi u anke wehel il-habs. Eventwalment huwa ghamel programm u rriforma ruhu u kellu bzonn jahdem x'imkien. Huwa kien sab xoghol mal-Oasis Garage bhala xufier tal-mini buses u dawn qalulu li ried imur jaghmel it-*tag*. Huwa ghamel din it-*tag* pero' stqarret illi biex gabha ghadda minn martirju kbir minhabba l-passat tieghu. Huwa baqa' jahdem mal-Oasis Garage u hadem anke ma' Debtrans Garage u ma' Margerita Garage.

Hija spjegat li xi zmien wara kien ra riklam ta' mini bus ghall-bejgh li kien bi prezz pjuttost baxx. Tiftakar li kien xi hdax-il elf ewro (€11,000) u kien talabha biex issellfu l-flus biex jixtri dan il-mini bus. Hija kienet accettat bil-kundizzjoni li jhallasha lura f'pagamenti ta' mitt ewro (€100) fil-gimgha. Ir-ragel taghha kien accetta dan l-arrangament. Ix-xhud filfatt sellfet dawn il-flus lil zewgha ghax huma ghandhom is-separazzjoni tal-assi bejniethom u ma kellhomx kontijiet flimkien.

F'dan l-istadju, r-ragel taghha telaq mix-xoghol li kellu u holoq kummerc bl-isem ta' "Wizi Cabs" fejn beda jopera ghal rasu. Ftit taz-zmien wara tghid li r-ragel taghha kien ra minibus ohra li ried jixtri u kien mar ghandha biex terga' ssellfu l-flus. Hija sussegwentament marret il-bank biex tiehu loan izda

tal-bank infurmawha illi hija *maxi-credit* biss setghet tissellef ghax ghaqdulha s-self kollu li kellha dak iz-zmien u tawha *repayment* wiehed kbir. Ghalhekk hija nformat lir-ragel taghha illi din il-loan hija ma taffordjahx. Pero' huwa baqa' jinsisti li tiehu loan xorta u wieghda li jhallasha lura bir-rata ta' mitt ewro (€100) fil-gimgha. Ghalhekk hija regghet accettat u hadet dan il-loan biex taghmel pjacir lir-ragel taghha u bit-tama li jkabbar in-negozju tieghu sabiex jigi fuq saqajh.

Fil-fatt f'Awwissu tas-sena 2012, ir-ragel taghha kien qed jiehu xoghol fl-ajruport bhala *airport transfers* minghand kumpanija ohra bl-isem William's Garage. Dan kien jaghtih xi tnax-il vjagg kuljum. Spjegat illi minhabba li kellu daqsxejn xoghol mhux hazin, il-principal ta' William's Garage kien talab lir-ragel taghha biex jixtri minibus tieghu sabiex ilahhaq max-xoghol li kien qed itih. Il-ftehim kien li r-ragel taghha jaghtih circa tlett elef ewro (€3,000) deposit li jinqata' mix-xoghol stess u wara jkompli jhallas f'pagamenti ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar. Ir-ragel taghha accetta li jixtri dan it-tielet minibus u wara li tah id-deposit, tal-William's ha r-ragel ghand Michael Attard Ltd biex jiffirma l-kambjala ghaliex il-vann in kwistjoni kien jappartjeni lil dik is-socjeta' (Michael Attard Ltd) u mhux lil William's Garage. Il-pagamenti kienu ta' erba' mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar. Ovvjament bhala mini buses ta' qabel, il-pagamenti kienu qed isiru mix-xhud lil Michael Attard Ltd u mhux minn zewgha.

Hija kkonfermat li meta r-ragel taghha beda jahdem bil-mini buses kien imur jiehu d-diesel minghand Frans Galea u dan Frans kien offrielu arrangament biex ma jhallsux dak il-hin ghad-diesel li jiehu izda jhallsu fl-ahhar tax-xahar. Ir-ragel taghha kien accettaha din l-offerta.

Ix-xhud spjegat illi Frans riedha taghtih fotokopja tal-karta tal-identita' taghha sabiex ikollu l-*particulars* taghha. Hija ma setghetx tifhem ghaliex ried jinvolviha ghax hija m'ghandhiex x'taqsam man-negozju tal-minibuses specjalment ghax hi u zewgha ghandhom is-separazzjoni tal-beni. Ix-xhud sostniet illi Frans Galea ghamel hekk sabiex huwa jkun jista' jdur fuqha f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. Madankollu hija qatt ma ffirmat xi skrittura fejn ikkostitwiet ruhha bhala debitrici ta' Frans Galea jew garanti solidali mar-ragel taghha Andrew Buhagiar. Ix-xhud sostniet illi peress li dak iz-zmien kien hemm ix-xoghol, hija qalet lir-ragel taghha li kollox kien sew izda l-kundizzjoni bejnha u bejn ir-ragel taghha kienet illi r-ragel taghha jaghtiha l-flus li jidhlu mill-minibuses u hija thallas lil Frans Galea. Fil-verita' hekk kien qed jigri u cioe' meta r-ragel taghha kien qed idahhal il-flus mix-xoghol tal-minibuses, hija kienet iggemmahomlu u kienet tmur taghti cekk lil Frans Galea.

Ix-xhud spjegat illi eventwalment in-negozju ta' William's Garage falla u dak ix-xoghol li kellu r-ragel taghha sfaxxa fix-xejn u ghalhekk l-introjtu min-negozju tieghu beda jonqos drastikament. Filfatt sal-bidu tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija laqqtet xi flus u beda jithallas Frans imma mbaghad spicca x-xoghol ghal kollox u Andrew ma baqax jaghtiha l-flus biex thallas.

Hija ddikjarat li m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan in-negozju. Il-professjoni taghha hija ta' bankiera u bhalissa qed tahdem bhala *financial controller* ma' kumpanija privata. L-unika haga li hija ghamlet kien li ffinanzjat in-negozju tar-ragel taghha billi sellfitu l-flus biex jixtri l-minibuses u jhaddem in-nies. Fl-istess waqt kienet tohodlu hsieb il-kontijiet billi thallas l-ispejjez tad-diesel lil Frans Galea ghan-nom ta' Wizi Cabs. Pero' sostniet li dan in-negozju hija qatt ma mexxietu jew iggestietu hi.

**Francis Galea** xehed fit-18 ta' Marzu, 2015 fejn iddikjara li l-karta bid-dettalji ta' Maria Buhagiar jinsabu nseriti fl-atti fl-envelopp immarkat bhala Dokument C a fol 35 kitbithom hija stess u giet moghtija lilu minnha. Huwa jiftakar li kienet marret flimkien ma' zewgha u dan sabiex jaghtihom kreditu ta' diesel fix-xahar bil-ghan li jithallas kull xahar u dan sabiex jiehu d-dettalji minn ghandha lil min ghandu jindirizza hija kienet taghtu l-*particulars* fuq din il-karta. Huwa tenna li Maria Buhagiar kienet qaltlu li kienet tmexxi hi, filfatt kienet taghtih cekkijiet hi f'isimha u huwa kien jinnegozja maghha. Gieli kienet tmur hi wkoll bil-vannijiet u tiehu d-diesel u bil-karozza personali taghha wkoll. Hija dejjem qaltlu bil-fomm li kienet lesta li thallas. Filfatt huwa raha tmexxi l-vannijiet kemm-il darba, u anke fuq ix-xoghol kien jaraha ghaddejja bil-vannijiet.

**Maria Buhagiar** xehdet fid-29 ta' April, 2015 qalet illi hi u r-ragel taghha kellhom s-separazzjoni tal-beni. Ix-xhud fil-fatt fil-passat ghamlet zmien twil tahdem il-bank pero' r-ragel taghha ried jiftah negozju bil-karozzi. Irrizenjat mill-bank, kellha somma zghira ta' flus u ddecidiet li tghin lir-ragel bil-ghan li naturalment ikunu daqsxejn ahjar finanzjarjament u xtraw dawn il-*buses*. Ix-xhud qalet li kien ihaddimhom hu pero' x-xhud fejn setghet kienet tghinu wkoll. *In the mean time* qalet li hi tahdem ukoll ma' kumpanija tal-IT. Ix-xhud principalment ix-xoghol taghha huwa mal-kumpanija tal-IT. Meta staqsewha mill-Qorti ta' min huma l-*minivans qalet* li effettivament dawn huma proprjeta' taghha. Tiftakar li darba minnhom ir-ragel kien mar id-dar u qalilha illi s-Sur Galea kien offrielu illi jbieghlu l-fjuwil u jithallas fl-ahhar tax-xahar. Ix-xhud stqarret illi r-ragel taghha qalilha li riedha tmur hi ukoll biex tifforma parti minn dan il-ftehim. Ix-xhud lir-ragel kienet ghamlitielu cara li ried jigbor il-flus u jhallas id-debitu li jkollu mal-fjuwil u marret mar-

ragel taghha ghand is-Sur Galea, u taghtu kopja tal-*Identity Card* biex ikun jaf min hi u l-*agreement* li hi kellha mar-ragel hu li jhallas hu fl-ahhar tax-xahar. Il-ftehim li huma kellhom mas-Sur Galea huwa li jigbru l-flus, ihallsuh fl-ahhar tax-xahar, jaghtihom l-kont u jhallsuh.

Ix-xhud qalet li ghall-ewwel in-negozju kien sejjer tajjeb, il-flus kienu jigbruhom u x-xhud kienet tmur ghand is-Sur Galea taghtih cekk ghaliex ir-ragel ikun taghha l-flus biex tiddepositahom, tohrog ic-cekk kontra dawk il-flus li tkun ha tiddeposita. Ix-xhud qalet li l-*business* mar lura hafna u ma baqghetx tigbor flus aktar minghand ir-ragel. Ir-ragel taghha kwazi waqaf mix-xoghol u x-xhud ma kinitx f'pozizzjoni li taghti l-flus lill-attur u qalet li l-flus tan-negozju ma kinux imorru ghandha. Ix-xhud stqarret li qatt ma dahlet fil-fond biex tassumi d-dejn hi qalet illi c-*cheque book* li kienet taghmel ic-cekkijiet lil Frans Galea kien taghha u kienet taghmel ic-cekk f'isem Francis Service Station.  Ir-ragel m'ghandux kontijiet u ghalhekk kienet tohrog il-flejjes hi.

Huwa minnu li hi kienet iddur bil-vann u tigbor il-klijenti wkoll qabel meta n-negozju kien sejjer tajjeb. Kienet taghmilha b'mod regolari u  llum-il gurnata pero' qalet  tkun iktar spiss li hi tohrog bil-passiggieri. Pero' meta persuna ccemplilha ghax tkun taf lilha personalment gieli qabdet vann mill-garaxx u marret tghabbieh hi.  Ghall-vannijiet li nxtraw ix-xhud tenniet li harget flusha kollha ghalihom. Huwa minnu li hi kienet baghtet ittra lil Dr David Gatt fejn kienet qaltlu li kienet bihsiebha tiehu *loan* sabiex taghmel il-pagament mitlub. Dan id-dokument gie ezebit prezenzjalment u mmarkat bhala Dokument Z. Meta giet mistoqsija jekk hi s-Sur Galea qaltlux li hi kienet mizzewga lil Andrew Borg wiegbet li s-Sur Galea qatt ma staqsihom u meta staqsewha jekk hi qaltlux li ghandhom s-separazzjoni tal-beni bejniethom qalet  li ma

dahlux daqshekk fil-fond fiha l-kwistjoni. Huwa minnu li gieli kienet marret hi sabiex timla l-vann bid-*diesel* u kienet taghmel mill-ahjar li tista' biex tghin f' dan in-negozju.

Ix-xhud qalet li fil fatt ir-ragel taghha ghandu jassumi r-responsabbilta' ta' din il-pendenza flimkien maghha mhux wahdu. Huwa minnu wkoll li meta kienet tiehu l-fjuwil hi kienet tiffirma ghalih. Pero' effettivament in-negozju kien jigi gestit mir-ragel. Ix-xhud kienet tidhol tahdem ix-xoghol meta ma kienx hemm iktar xoghol milli kien hemm nies biex jahdmu.

**Andrew Buhagiar** xehed fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 u beda billi qal li huwa jopera n-negozju tal-Wizi Cabs u sostna li fil-fatt il-konvenuta Maria Buhagiar m'ghandha x'taqsam xejn ma' dan in-negozju. Qal li fil-fatt kien hu li mar jiltaqa' ma' Francis Galea biex jitkellem dwar it-tehid ta' petrol. Ammetta li jaf li sussegwentement kien talbu biex tiffirmalu l-mara u allura hu kien talab lil martu takkumpanjah u tiffirma, kif fil-fatt ghamlet. Izda sahaq li minkejja li l-mara ffirmat, in-negozju in kwistjoni jigi gestit minnu. Mistoqsi min kien jiehu d-diesel, wiegeb li effettivament kienu jiehdu diesel kemm hu kif ukoll ix-xufiera tieghu, u li l-mara tieghu gieli marret tiehu diesel xi darba kultant.

Ikkonferma li Francis Galea kien cempillu w kien talbu l-flus, izda hu kien wiegbu li ma jinsabx f'pozizzjoni biex ihallsu pero' kien lest li jhallsu hames mitt Ewro (€500) fix-xahar. Pero' s-Sur Galea m'accettax, beda jidghi u jheddu w ghaldaqstant huwa qata' u ma tah xejn. Mistoqsi jekk hux minnu li kien baghat ittra registrata lill-avukat difensur tal-attur, qal li iva, izda mistoqsi min kien iffirma din l-ittra llum jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk

setax kien li ffirmawha kemm hu kif ukoll il-mara, qal li ma jiftakarx lanqas, pero' stqarr li jista' jkun.

Il-konvenut stqarr li huwa minnu li ghandu jaghti s-somma mitluba fir-rikors promotur lill-attur, pero' sostna li l-mara m'ghandha taghti xejn. Spjega li fil-fatt illum-il gurnata hu u martu jinsabu fi proceduri ghas-separazzjoni w jinsabu separati *de facto*. Cahad li qal lill-attur li ma kienx se jhallsu, anzi zied li fil-fatt il-flus huma dovuti lill-attur. B'referenza ghal dokument ezebit fl-atti a fol 85, ikkonferma li din hija l-ittra li huwa kien baghat lil Dr. Gatt li fuqha hemm kemm il-firma tieghu kif ukoll tal-mara u sostna li ghalkemm fl-ittra hemm miktub li 'ahna xtrajna d-diesel minghand is-Sur Galea', fil-fatt kien hu li xtara. Qal li ma jafx li l-mara tieghu xehdet f'dawn il-proceduri u lanqas li l-mara kienet waslet f'xi ftehim kif ghandha thallas lis-Sur Galea, jaf biss illi kien qal lill-mara li kien lest li jhallas lis-Sur Galea f'pagamenti mensili.

Spjega li fil-fatt Wizi Cabs hemm tnejn izda l-mara tieghu ma ssuqhomx, salv u b'eccezzjoni ghal meta jinqalghalu xi haga hu, ghaliex martu ghandha *job* taghha li hu *job* fiss ma' xi *software* u ghandu x'jaqsam mal-computers.

Sostna li hu dispost li jhallas l-ammont, pero' b'rati mensili.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz u jitolbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur rapprezentanti din is-somma bejgh ta' fjuwil u cioe' diesel mehuda minnhom fuq medda ta' zmien.

Il-konvenut Andrew Buhagiar ghalkemm notifikat bir-rikors promotur baqa' ma pprezenta l-ebda risposta filwaqt li l-konvenuta Maria Buhagiar ikkontestat il-kawza u nhar l-1 ta' Lulju 2014 ipprezentat ir-risposta taghha fejn eccepiet diversi eccezzjonijiet.

Fl-ewwel lok in linea preliminari eccepiet li ma hix il-legittima kontradittur u ghalhekk ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija qatt ma ggestiet negozju bl-isem Wizi Cabs li jipprovdi transport bil-mini buses u li dan in-negozju jigi gestit unikament minghand il-konvenut Andrew Buhagiar.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-ilma et vs Emanuel Grixti**', jinghad li:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael**' fejn inghad li:

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

F'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda moghtija mill-attur fejn spjega li l-konvenuta kif ukoll zewgha il-konvenut flimkien ma' xi impjegat taghhom kienu jmorru ghandu u jiehdu diesel on credit terms wara li hu kien tahom din il-facilita'. Jghid li l-konvenuta kienet prezenti meta effettivament sar dan il-ftehim. Illi l-konvenut Andrew Buhagiar jghid li huwa responsabbli ghal dan id-debitu pero' ghandu bzonn zmien biex ihallas mensilment ghaliex huwa indigenti u li martu Maria Buhagiar m'ghandiex x'taqsam pero' fix-xhieda taghha tad-19 ta' April 2015 tghid li zewgha ghandu jassumi r-responsabilita' ta' dan id-debitu flimkien maghha u mhux li thallas kollox hi. In oltre jirrizulta minn ezami tal-atti processwali li hija kienet baghtet ittra lil Dr David Gatt konsulent tal-attur fejn kienet irrikonoxxiet li ghandha taghti somma flus lill-attur ghalkemm kellha bzonn zmien sabiex tkun f'posizjoni li

thallas flimkien ma’ Andrew Buhagiar. Dwar dan id-dokument l-avukat difensur tal-konvenuta jghid li dan m’ghandu jkollu l-ebda portata u ghandu jigi skartat stante li dan sar waqt li kienu ghaddejjin trattattivi ghal transazzjoni bonarja. Dan m’huwiex minnu ghaliex l-ittra hija datata 16 ta’ Settembru 2013 meta il-kawza odjerna giet prezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-23 ta’ Ottubru 2013 u cioe’ xahar wara meta l-attur ra li l-konvenuti ma kienux disposti jhallsu. Imkien f’din l-ittra ma hemm indikat li din kienet intbaghtet bla pregudizju u waqt li kienu ghaddejjin xi trattativi ghal xi transazzjoni, anzi giet mibghuta mill-konvenuti bhala risposta taghhom ghall-ittra ufficcjali mibghuta mill-attur lilhom. In oltre jirrizulta li fl-atti hemm esebiti ukoll zewg cekkijiet mahruga mill-konvenuta fil-kont personali taghha bil-ghan li jitnaqqas id-debitu dovut pero’ dawn iz-zewg cekkijiet (fol. 35) ma gewx onorati. Illi huwa minnu li bejn il-konjugi konvenuti hemm kuntratt dwar is-separazzjoni ta’ l-assi taghhom pero’ dan hu datat 16 ta’ Settembru 1992 pero’ in-negozju mertu tal-kawza sehh hafna wara li gie ffirmat dan il-kuntratt.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost zgur li almenu prima facie jidher li l-konvenuta hija wkoll il-legittima kontradittur f’din il-kawza u ghandha twiegeb ghat-talba tal-attur u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok il-konvenuta Maria Buhagiar tghid li kull negozju li sar mal-attur sar mill-konvenut Andrew Buhagiar u ghalhekk ghad-debitu tieghu u konsegwentement hija m’ghandha taghti xejn.

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-attur huwa proprjetarju tal-pompa Francis Service Station il-Fgura u li minnha jbiegh il-fjuwil.
2. Jirrizulta minn ezami tal-varji invoices esebiti a fol. 36 et seq li kemm il-konvenut Andrew Buhagiar kif ukoll martu Maria Buhagiar kienu jiehdu id-diesel minghandu fuq credit u dan billi jiffirmaw l-invoices relattivi ghal kull konsenja.
3. Jirrizulta li ghall-bidu l-pagamenti kienu jkunu regolari izda maz-zmien il-konvenuti bdew jaqghu lura bil-pagamenti taghhom.
4. Qal li darba minnhom ghall-habta tal-5.30pm kienu marru ghandu l-konvenuti u tawh erba' post dated cheques u jghid li dawn ma ssarfux. Ikkonferma li dawn ic-cekkijeit hargithom Maria Buhagiar mill-kont taghha u fil-fatt tnejn minnhom jinsabu esebiti fl-atti a fol. 35.
5. L-attur ikkonferma li effettivament huwa ghandu jiehu s-somma imsemmija fir-rikors promotur u l-konvenut fl-ebda hin ma jichdu li dan l-ammont huwa dovut ghalkemm filwaqt li Andrew Buhagiar jghid li dan huwa debitu tieghu (vide xhieda tat-30 ta' Settembru 2015) Maria Buhagiar tirrikonoxxi li ghandha taghti izda mhux wahedha izda flimkien ma' zewgha (vide xhieda tad-29 ta' April 2015).
6. Jirrizulta wkoll li qabel ma gie pprezentat ir-rikors promotur l-attur kien ipprezenta ittra ufficcjali u l-konvenuti kienu wiegbu ghall-istess permezz ta' ittra mibghuta minnhom direttament kif konfermat minnhom fil-pedana tax-xhieda fejn irrikonoxxew li ghandhom jaghtu lill-attur pero' kienu qed jitolbu aktar zmien ghall-hlas.

L-avukat difensur tal-konvenuta Maria Buhagiar jghid li din il-Qorti ghandha tiskarta din l-ittra esebita a fol 85 u dan ghaliex dik intbaghtet minghajr pregudizzju. Huwa minnu li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita' ta' ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju (vide

'Joan sive Giovanna Lungaro Mifsud noe vs Rosaria Felice Gay et' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-5 ta' Ottubru 2015). Huwa minnu wkoll li wiehed ma jkunx qed jammetti id-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest jelima l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'xi mod bonarju. Pero' minn ezami ta' din l-istess ittra dan ma jirrizultax li kien il-kaz. Minn ezami ta l-istess ittra Dok Z (fol. 85) jirrizulta li l-konvenuti qed jirrikonoxxu s-segwenti:

1. Illi huma kienu jixtru il-fjuwil principalment diesel ghan-negozju ghal perijodu ta' tlett snin jew erbgha minghand l-attur in konnessjoni man-negozju taghhom ("our business").
2. Illi n-negozju taghhom kellu xi diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk waqghu lura f'xi pagamenti u cioe' li jhallsu d-debiti taghhom.
3. Minkejja dan jaghrfu li ghandhom jaghtu lill-attur l-ammont imsemmi fid-Dok Z u ffirmat minnhom ghalkemm f'dak l-istess dokument il-konvenuti ma jghidux meta ser jghamlu il-hlas effettiv.
4. Ili tant kienu konxji ta' dan id-debitu li jghidu li kienu talbu lill-Bank sabiex jiehdu self biex jaghmlu tajjeb ghal dan id-debitu pero' ma rnexxilhomx.
5. Illi kienu qed jaghmlu mill-ahjar li setghu biex jirkupraw xi flejjes sabiex ihallsu dan id-debitu u fin-nuqqas kienu lesti li dan id-debitu jigi konvertit f'self sakemm ikunu f'qaghda li jhallsu dan id-debitu.
6. Illi l-ammont in desamina m'huwiex dak kif deskritt fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' sebat elef u seba' mitt ewro, izda dak rikonoxxut mill-istess konvenuti fl-ammont ta' sebat elef, sitt mija u tmenin ewro (€7,680) kif imsemmi fid-Dok Z.

Illi mill-provi akkwziti jirrizulta li effettivament l-konvenuta anke ittentat taghmel xi pagamenti billi harget xi cekkijiet mill-kont personali taghha. Tghid li dan ghamlitu ghaliex zewgha ma setghax ikollu flejjes il-bank u ghalhekk kienet tuza l-kont taghha biex jaghmel tajjeb ghad-dejn tieghu u huwa kien jaghtiha l-istess ammont u hija tpoggihom fil-kont taghha pero' prova dwar din l-allegazzjoni l-konvenuta ma resqitx.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Sammut vs Vella**" (31 ta' Mejju 1995), fejn gie ritenut li pagamenti akkont huma rikonoxximent ta' debitu. Issa fil-kaz in desamina jirrizulta bic-car li l-konvenuta ittentat taghmel pagament akkont meta harget ic-cekkijiet li ma issarfux u b'hekk hija giet qed tirrikonoxxi id-debitu taghha u hija responsabbli *in solidum* mal-konvenut zewgha Andrew Buhagiar.

L-**artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc** jistipula hekk:

115. (1) *"Fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-ko debituri huma obbligati in solidum*".

Issa kif tajjeb gie spjegat fis-sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bis-sentenza fl-ismijiet '**Primrose Poultry Products Limited vs Joseph Balzan et',** deciza fit-12 ta' Dicembru 2008 fejn gie ritenut li in linea generali tlieta huma l-presupposti tal-obbligazzjoni solidali u cioe':-

1. Pluralita' ta soggetti fir-rapport negozjali.
2. L-*idem debitum* ossija l-istess identika prestazzjoni diretta ghas-sodisfaciment tal-istess kreditorji.
3. L-*aedem causa obligandi* ossija meta d-debituri huma kollha obbligati ghall-istess haga b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi kostrett ghall-

hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jillibera lill-ohrajn di fronte ghall-kreditu (Artikolu 1094 Kodici Civili). F'dan il-kaz l-attur qua kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri konvenuti in solidum minghajr ma d-debitur hekk maghzul ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni (Artikolu 1096 Kodici Civili).

Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni cioe' l-hlas tal-provvista tal-fjuwil hi wahda kummercjali billi jikkoncerna l-uzu tal-vetturi mini cabs mill-konjugi Buhagiar meta kienu qed jiggestixxu n-negozju taghhom. In-natura tal-obligazzjoni ghalhekk tikkreja s-solidarjeta' bejn il-ko-debituri kif trid il-ligi. Huwa minnu li f'obbligazzjoni kummerċjali, is-solidarjeta' hija preżunta (Art. 115 Kodiċi tal-Kummerċ) madankollu dan japplika meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra skond l-istess artikolu. Huwa ċar għall-Qorti f'dan il-każ li s-solidarjeta' tesisti bejn l-konvenuti u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti qed tilqa' it-talba attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa' it-talba attrici, qieghda tikkundanna lill-konvenuti biex in solidum ihallsu lill-istess attur dik is-somma pretiza fir-rikors promotur fl-ammont ridott ta' sebat elef, sitt mija u tmenin euro (€7,680).**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur a karigu tal-konvenuti in solidum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**